# Lehen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

GĦALKEMM ŻGĦIR IL-MALTI
U LA Ż-ŻMIEN U L-ANQAS EBDA ĠENS MA QERDU

**It-Tielet Sena** **Marzu 1933** **No. 25**

Stampât fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

University of Malta

# LEĦEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

**MARZU 1933] IT-TIELET SENA [Nru 25**

## IT-TIELET SENA

Għaddiet sena oħra u rġajna ltqajna biex ngħaddu sena oħra flimkien. Għaddiet sena oħra ta' ħedma u taħbit, u bil-ferħ ta' min iħoss li qiegħed jagħmel dmiru nħarsu 'l quddiem lejn sena oħra ta' ħedma u taħbit akbar. Fix-xogħol il-qawwa tagħna; fil-kitba r-rebħa tal-Malti.

Faraġ kbir inħossu f'qalbna meta naraw il-qari tagħna sejjer dejjem jixtered. Kotru l-kittieba, kotrot il-kitba, kotru l-qarrejja. Bdejna naħsbu biex inkabbru l-ktejjeb tagħna u miegħu noħorġu xi xogħol ieħor barrani. Minn barra minn Malta, Maltin u barranin sikwit jitolbuna *Leħen il-Malti* sa mill-ewwel numru; qrawh, faħħruh, issieħbu fih, għamlulna l-qalb biex nibqgħu dejjem naħdmu għal ġieh ilsienna.

Ix-xitla li ħawwilna u saqqejna bl-imħabba kollha ta' qalbna bdiet tikber ġmielha u tħaxxen għeruqha. Iżda f'daqqa waħda sħab iswed beda tiela', tiela' u jiksi wiċċ is-sema. Beda jleħħi il-beraq u tfaqqa' xi sajjetta. U aħna bżajna, mhux għalina iżda għax-xitla tagħna li l-maltemp kien sa jeqerdilna. Għaddejna sigħat ta' taqtiq ta' qalb, beżgħanin li l-qawwa tax-xita u tar-riħ sa jqaċċtu minn għeruqha x-xitla għażiża tagħna. Iżda ma dametx it-tama ma terġa' tidħol f'qalbna. Wara xita rqiqa u sfiqa li ssaqqi u taħji l-uċuħ tar-raba', l-ajru beda jħeff, is-sħab beda jitqatta' u, għalkemm ma diebx għal kollox, ix-xemx reġgħet bdiet tiddi u ssaħħan il-ħlejjaq. U ġo dik id-dija aktar sabiħa u aktar f' saħħitha dehret ix-xitla tagħna; ma ħaqrithiex ix-xita; anqas werqa waħda ma ttiefset; dak is-sħab iswed, li kien iħabbar u jhedded ħsarat kbar, tbiddel donnu b'seħer fi rxiexa ħanina ta' ilma tal-ħajja li mliet b'ħajja ġdida u b'qawwa barranija x-xitla maħbuba tagħna.

. . . . . . . u l-imseħbin kotru u għadhom dejjem joktru aktar milli konna nistennew, kotru l-ħbieb tagħna fost in-nies tal-professjoni, kibret il-ħeġġa tal-kitba u tal-qari malti fost kull qatgħa ta' nies. Jaqra u jikteb il-Malti l-ħaddiem li ma jafx

għajr ilsienu; jaqra u jikteb il-Malti ż-żagħżugħ tal-iskola ferħan li jista' jfisser bi lsienu dak li ħaddieħor fisser b' ilsien barrani; jaqra u jikteb il-Malti il-qassis għax jaf li l-kelma maltija maħduma bis-sengħa hi biċċa mill-aħjar għodda tax-xogħol tiegħu; jaqra u jikteb il-Malti r-raġel tal-professjoni għax jara fih il-ġmiel u l-qawwa tal-ilsna barranin; taqra u tikteb il-Malti x-xebba għax tħoss fih il-ħlewwa ta' qalbha. Il-Malti li żmien ilu kien qiesu għajb li jaqtgħek u jifirdek minn-nies tat-tagħlim, illum sar ġieh li bih iridu jiżżejjnu mqar in-nies tat-tagħlim, għax fl-aħħar mill-aħħar b' għerfhom kollu jħossu li huma Maltin, u xejn iżjed ħlief Maltin.

U din il-għaqda ta' qlub f'qalb waħda, u din il-għaqda ta' fehmiet f' fehma waħda hi l-qawwa tagħna. Imwettqin b' din il-qawwa li tirbaħ il-blat u l-azzar, aħna deħlin fit-tielet sena għal xogħol akbar minn tas-snin l-oħra. Il-ktieb tagħna sa jikber u jsir b' 16 il-faċċata bla ma jiżdied il-ħlas; biħsiebna noħorġu ktieb, jew aktar, imdaqqas sewwa u niġbru fih l-aħjar bċejjeċ tal-aħjar kittieba; biħsiebna noħorġu miġburin fi ktieb wieħed xi xogħlijiet, bħalma huma l-poeżiji tal-Prof. G. A. Vassallo u oħrajn, mxerrdin kollha f' gazetti u kotba qodma li qajla ssibhom; biħsiebna...... biħsiebna naħdmu u naħlu s-saħħa u l-ħila tagħna kollha għall-Malti.

U ma' dan ix-xogħol kollu rridu nlaħħqu x-xogħol tal-iskola, u għalhekk nitolbu l-imseħbin jagħdruna jekk xi darba nqasniehom, jekk xi darba ddawwarna ma bgħatnielhom *Leħen il-Malti* jew b'dehwa ta' moħħ insejna u qbiżna lil xi ħadd li ma bgħatnielux il-ktieb. Il-koll ħbieb tagħna u għalhekk lil ħadd ma rridu nonqsu. Żommu dejjem sħiħ magħqudin, għax fil-għaqda l-qawwa, u fil-qawwa r-rebħ.

# IS-SENA TAL-MEWT TA' KRISTU

Fil-għadd 23 faċċ 12 ta' dan il-qari tarraft xi kelma żgħira fuq il-għadd tas-snin mit-twelid ta' Kristu 'l hawn, u għidt li fis-sena 1933 ikunu għaddew 1940 sena mit-twelid ta' Kristu u għalhekk għamilt dil-mistoqsija: Nistgħu ngħidu li fis-sena 1933 jagħalqu 1900 sena mill-mewt ta' Kristu?

Il-kotra l-kbira tan-nies taħseb hekk: Kristu miet ta' 33 sena, mela miet fis-sena 33, għalhekk fis-sena 1933 jaħbat għeluq id-dsatax-il mitt-sena tal-mewt tiegħu.

Xort'oħra jaħsbu l-għorrief. L-ewwelnett is-sena tal-mewt ta' Kristu ma għandhiex x'taqsam maż-żmien li kellu meta miet, jiġifieri biex inkunu nafu meta miet Kristu mhemmx bżonn inkunu nafu kemm il-sena kellu, iżda nkunu nafu kemm il-sena kellu, jekk inkunu nafu meta miet.

Nafu mill-Vanġelu mqaddes li Kristu miet nhar ta' Ġimgħa fi żmien il-Għid. Il-Għid kien isir erbatax-il jum wara li jġedded il-qamar tax-xahar Nisan (Marzu-April), jiġifieri wara li jibda jidher il-qamar ġdid fil-għabex ta' filgħaxija. Il-lum l-għorrief jafu jgħidulek minuta b'minuta meta jġedded il-qamar ta' Nisan ma' tul is-snin kollha u meta jkun jidher il-qamar ġdid ta' dak ix-xahar fil-belt ta' Ġerusalemm. Mela nistgħu nkunu nafu f' liema jum ħabat il-Għid ma' tul is-snin kollha. Issa jekk nieħdu s-snin li fihom aktarx miet Kristu, jigifieri mis-sena 28 sas-sena 34, insibu li l-jum erbatax wara li ġedded il-qamar tax-xahar Nisan ħabat nhar ta' Ġimgħa darbtejn, fis-sena 30 u fis-sena 33. Fis-sena 30 il-qamar ta' Nisan ġedded fit-22 ta' Marzu fil-għaxija, kien jidher jumejn wara, mela l-ewwel ta' Nisan kien fil-25 ta' Marzu, u l-14 ta' Nisan kien fis-7 ta'April. Fis-sena 33 il-qamar ta' Nisan ġedded fid-19 ta' Marzu f'xi nofs inhar, l-għada fil-għaxija kien jidher, mela l-ewwel ta' Nisan kien fil-21 ta' Marzu, u l-14 ta' Nisan kien fit-3 ta' April. Mela skond l-astronomija Kristu miet fis-7 ta' April tas-sena 30, jew fit-3 ta' April tas-sena 33.

Liema sena għandna nagħżlu bejn dawn it-tnejn mhix ħaġa li tista' taqtagħha ħafif. Il-għorrief ma jaqblux bejniethom. Ix-xaqq dawl li jatina il-Vanġelju mhux biżżejjed biex jurina minn liema triq għandna nimxu. Nafu li Kristu beda x-xogħol tiegħu ta' tagħlim meta kellu *madwar* tletin sena, jigifieri xi sena jew tnejn anqas jew iżjed minn 30. Nafu wkoll li dik il-ħabta kienet is-sena 15 ta' Tiberju, sultan ta' Ruma. U Tiberju beda jsaltan fis-sena 14, iżda tlett snin qabel, mis-sieru riedu miegħu fis-saltna bis-setgħa ta' Sultan. Mela s-sena 15 ta' Tiberju taħbat fis-sena 29 jew fis-sena 26. U jekk Kristu beda x-xogħol tiegħu fis-sena 26 jew 29, u dam igħallem tlett snin u ftit xhur, mela hu miet fis-sena 30 jew 33.

Biex ma niġbedx fit-tul inħalli r-raġunijiet kollha, li jistgħu jmejjluna lejn naħa waħda aktar minn lejn naħa oħra, u ngħid biss li kullħadd għandu l-jedd kollu jaħseb li fis-sena 1933 jagħalqu 1900 sena mill-mewt ta' Kristu, iżda bla ma jgħid li Kristu, meta miet, kellu 33 sena.

P. P. SAYDON.

# F'KULLEĠĠ

Ma nafx x'kien tahom dik id-darba. Bil-kemm kien ilhom li daħlu l-kulleġġ ħmistax wara tlet xhur mistrieħ u madankollu kienu jidhru mdejjqin bħallikieku kien ilhom hemm ix-xhur. F'ġisimhom ma kellhomx kwiet. Ġewwa s-salun malli l-prefett kien jintilef xi ftit fil-qari kienu issa jissuttaw lil xulxin bil-karti, issa jaqbżu fuq is-sodda, waqtijiet jitgħajbu, drabijiet oħra jitgħajru bejniethom. Fil-bitħa mbagħad waqt il-logħob għors sħiħ, ġeġwiġija waħda. Min igerbeb lil sieħbu, min jinbex, min ifittex iwaqqa' għac-ċajt lill-prefett...Għoxrin tifel?... għoxrin praspura ta' kull jum, waħda isbaħ mill-oħra.

L-imsejken prefett, żagħżugħ ta' 24 sena, li kien jixtieq jati ruħu kollu kemm hu għall-istudju, ma sata' jsib tarfhom bl-ebda mod. Kienu, ħej, tfal tal-għonja, kollha fsied u ksuħat ta' arani u la tmissnix, u tfal bħal dawn mhux għalkemm iċċanfarhom u tbeżbiżhom. Għallanqas hekk kien jaħseb il-prefett. Imbagħad ħtija għal kollox ma kellhomx. It-tfal dejjem tfal. Ma tridx tissikkahom iż-żejjed. Jekk tniggiżhom jonfru.

Dik id-darba kien wasal fil-kulleġġ ministru ġdid. Raġel twil twil donnu stwiel u niexef bħal qasba. Għajnejh kienu dejjem iżebbġu minn taħt iż-żġieġ tan-nuċċali li kien igħattilu biċċa sewwa minn ħaddejh, waqt li mnifsejh ta' sikwit jitħarrku bħal tal-fniek. Kien bniedem żorr, tajjeb biex jamar u jsawwat. Għalih kbar u żgħar xorta waħda; ħniena għal ħadd; swat ta' sikwit u għal kull ħaġa ta' xejn. Sewwa sew bħal dawk l-uħud li sikwit wieħed jiltaqa' magħhom fil-kotba ta' Dickens.

Bi bniedem bħal dan bħala ministru li trid jew ma tridx ikollok tħabbat wiċċek miegħu bosta drabi ma' tul il-jum, it-tfal tal-kulleġġ ma setgħu jistabru qatt. Ġisimhom għażżgħil kien tajjeb mhux għad-daqqiet, id-dar imbagħad tista' tgħid kollox kien isir kif jixtiequ huma u hawnhekk kellhom jitqannaw b'dak li kien ikun irid minnhom il-ministru. Ħaġa li huma ma setgħu jġerrgħuha qatt u qatt. Għalhekk il-għajjat il-ġlied, it-taħbit liema bħalu lill-prefett. Għalxejn is-swat u t-theddid tal-ministru. Dawna kienu jiswew biss biex iżommuhom kwieti għal ħin wieħed quddiem dak il-kibx ta' ministru u jnaffruhom aktar kontra l-prefett.

Mela darba waħda, ma nafx sewwa l-għala, dawna l-mniegħel ta' tfal waħħluha f'rashom li bis-sewwa jew bid-dnewwa kellhom imorru d-dar. Damu jaħsbuha qatigħ. Min igħid ħaġa min igħid oħra; kullħadd igħid tiegħu bla ma setgħu jaqblu fuq kif għandhom jagħmlu biex jisgiċċaw il-barra. Fl-aħħar wieħed minnhom, li mid-dehra kien xi tifel ta' xi merkant għax kien iridha u jiżżattat daqs ma nafx x'hiex, ġabar il-perċimes tal-ġemgħa f'rokna tal-bitħa waqt il-ħin tal-mistrieħ

u qalilhom: Hux id-dar tridu tmorru?... u d-dar inkunu lkoll fi żmien qasir, f'anqas minn ġimgħa. Biss tridu tagħmlu kif ingħidilkom jiena. Isimgħu. Tafu li hawn l-imxija sewwa tal-influwenza; uħud minn sħabna l-oħra rikbuha u kellhom jibgħatuhom id-dar malajr, malajr għax beżgħu li kien se' jimrad il-kulleġġ kollu. Jekk irridu mmorru d-dar jaħtieġ li nirkbuha aħna wkoll...għal taparsi, niftehmu!— għax jekk tassew, immorru ħażin u jibdielna. Sa erbgħat ijiem oħra nofsna jridu jkunu fis-sodda għal taparsi għandhom riħ qawwi. Ma ninxteħtux il-koll f'daqqa, tafux. Iżda ftit ftit. Issa wieħed, issa tnejn. Insomma intom tafu daqsi kif għandkom tagħmlu. Attenti biex tisogħlu sewwa. Għatsa ta' kull tant tagħmel tajjeb ukoll.

Is-sabi kieku ma ħasibhiex ħażin sa barra. Dik il-ħabta l-ispanjola kienet qiegħda tagħmel tagħha sewwa u bosta kienu dawk li mħabba fiha niżlu f'ħofret il-qabar qabel il-waqt. Imma bil-ministru ma kontx tidħak kif ġieb u laħaq.

L-għada tal-ftehima xi tfal bdew iqaħqħu u kull tant jagħtsu. Sa nofs inhar tnejn minnhom kienu ġa fis-sodda. Il-pitgħada saret l-istess praspura u l-biċċa dehret miexja tajjeb. Sa l-aħħar tal-ġimgħa l-biċċa l-kbira tat-tfal kienet mixħuta, titqanżaħ biex tisgħol u tagħtas. Il-prefett beżżiegħi għall-aħħar, iġġennen. Kemm-il-darba wissa lill-ministru u talbu jibgħat it-tfal id-dar. Imma l-ministru kien jaf igħodd sal-għaxra u ma bagħat lil ħadd.

Fl-aħħar ġieb it-tabib, raġel qsajjar u samrani, ikrah daqs id-dagħa ta' Bona. Mal-ministru d-dott kien ħobż u sikkina; moħħu kien fl-indafa tar-ras u kull darba li kien imur il-kulleġġ ma kien iħalli qatt li jifli rjus t-tfal biex jara jekk kinux morda bid-duda. Kien fih għors tarah jixxabbat fuq ponot subgħajh ma' dahar it-tfal tal-kamerata l-kbira u jqalbilhom xagħarhom issa naħa, issa oħra sakemm iġibhom bħal qanfud. Dik id-darba billi l-morda kienu ħafna din il-biċċa xogħol ħallieha u fittex jara malajr il-morda.

—Xi tħoss, ibni—saqsa lil wieħed bi ħlewwa barranija.

—L-anqas jien ma naf, dott. Ħruq f'rasi, textix, dardir, sogħla, flissjoni...

—Ħalli nara lsienek—qatagħlu t-tabib waqt li ħareġ iż-żgieġa tad-deni mill-but—Maħmuġ. Għandek bżonn ta' porga. Tħoss bard?

—Iva, ħafna.

—Ħażin, ħażin. Tgħatta tajjeb u qis li ma titperriċx.

—Għandi uġigħ ta' ras, dott... rasi trid tinqasam...

—U sgur. Għandek l-imbarazz. Ħu porga u jgħaddilek kollox.

It-tabib mill-ġdid daħħal iż-żgieġa li kien ħareġ għalxejn, għemeż lill-ministru li ma għandniex xi ngħidu qagħad jurih il-morda u għadda għat-tieni. Hawnekk saret l-istess taħdita,

l-istess tnehid u żegħil u t-tabib, ħelu ħelu, spiċċa bil-amar: "Ħu porga, ħu porga". Hekk ukoll għamel mat-tielet u marraba'. Il-ħames, li kien sawwar dik il-ħlieqa, xammha l-biċċa tinten. Tieħu porga!? Tixrob iż-żejt ir-riċnu! Anqas joħlomha ma ried. Għalhekk malli t-tabib resaq fuqu beda jqum ftit fuq tiegħu u għal kull mistoqsija jwieġeb li għadda għallaħjar. L-oħrajn għamlu bħalu. Is-sitta ried ifiehem lit-tabib li kien tajjeb ħafna, is-sebgħa li ma kellu xejn, it-tmienja li fieq għal kollox... imma x-xifajk ta' tabib ma ried jifhem b'xejn u lil kull wieħed, bi tbissima fuq fommu, wieġeb: Ħu porga, ħu porga. Żewġ soldi żejt jagħmlulek tajjeb.

Il-għada bis-sewwa jew bid-dnewwa nofs it-tfal kellhom jibilgħu ż-żejt u wara jumejn, sofor lellux, b'geddum imniżżel xibrejn fuq sidirhom kellhom jitkaxkru fir-refettorju u jitqannew b'dak li ried minnhom il-ministru.

A. I.

# ĦUDLI, JA MULEJ!

Tajtni Mulej, wisq aktar milli tlabtek :—
tajtni l-għanja li tfawwar ġo din qalbi;
'l għajni għamiltli tidħol ġewwa l-ħwejjeġ,
tara 'l ħajjithom, tara dik sbuħithom,
u tagħqad magħhom, tibda tiżfen magħhom;
għamilt lil moħħi jifraħ biss bil-għerf,
sew bħal farfett li jdur bla serħ mal-lampa.

Tajtni Mulej, wisq aktar milli tlabtek,
bħal wied tax-xitwa nieżel l-għati tiegħek ;
u l-għana hekk kbir qatagħli nifsi, fgani,
kiber bħal friegħi mxebilkin fuq rasi,
qatagħli l-ħarsa tas-smewwiet kaħlana,
u jien insejtek...

Ħudli, Mulej, din issa l-għajta tiegħi,
ħudli, Mulej, wisq aktar minn dan talbi;
qatta' dal-masġar minn tal-għati tiegħek,
il-weraq tajjar mar-rwiefen ħarifija,
iz-zkuk imneżżgħa qaċċat bil-għeruq,
u aħraq kollox, kollox ja Mulej;
ħa nara s-sema, nara s-sema kollu,
ħa nara Lilek, ja Mulej tal-Ħniena,
u nibqa' miegħek...

A. BUTTIGIEG

# WARD MALTI

(Mill-*Ħabib* tal-1919) I.

## IL-KELMA MALTIJA

**Lil Pawlu Bellanti nisrani u malti ftit bħalu,**
**kittieb li għad jissemma iktar mn'issa.**

Din biss, ħabib ta' qalbi,
għandi, din Alla tani,
dil-kelma li bi ġmielha
nitgħaxxaq se'r tarani.

Min qal li tqila u timxi
bħas-sriep tkaxkar fuq żaqqha?
Ħares kemm hi ħafifa,
kif titla' u togħla f'daqqa;

togħla; u m'nofs is-sema,
hi li fix-xemx imħarrġa
isseqqer fl-isbaħ safa,
tħares lejn l-art u tarġa'

tinżel; ma tafx jekk bajda,
jekk safra, jew jekk kaħla;
tilmaħha biss titbiddel,
tiċkien, issir daqs naħla:

u tidħol ġewwa l-ġonna,
tgħaddi minn qalb il-weraq,
tiddeffes ġo kull warda,
tixrob mill-ward il-meraq;

imbagħad tiġi bil-ħlewwa
tqegħduli fuq ilsieni,
iżżanżan ġô widinti,
tagħmilni kbir u hieni.

Din biss, ħabib ta' qalbi,
għandi, din Alla tani,
dil-kelma li bi ġmielha
nitgħaxxaq qe'd tarani.

Bħalma l-ħaddied fil-forġa
l-ewwel jikwi 'l ħadida,
imbagħ'd ftit ftit jaħdimha
sa tiġi kif iridha,

sa tieħu għamla u sura
ta' werqa ftit mitluqa,
bħal kieku x-xemx ħaqritha
jew għadda r-riħ minn fuqha;

hekk jien il-kelma mn'idi
mhux malli dak nitlaqha,
bħal min iwaddab ġebla
ma jafx fejn sejra taqa',

'mma qabel inrattabha
fi ħsiebi bħal għaġina,
imbagħ'd koċċ koċċ bis-sabar
natiha sura u żina.

U nibqa' nħares lejha,
nara jekk qegħda sewwa
jekk rieqda, jekk mifluġa;
jekk nieqsa minn xi ħlewwa:

u nita ħajja tferfer
nilmaħha tgħodd għal ħbiebi,
hemmek (għax nistħi ngħidu?)
nitgħaxxaq dlonk bi ħsiebi,

u bil-kelma li titla'
minn qalbi għal fuq fommi,
safja, ħelwa, sabiħa
kif għallmithieli ommi,

kif dari l-Belt, kif għadek
fir-rħula l-lum tismagħha,
bla xniexel fuq sidirha,
fqajjra, 'mma kollox tagħha.

Din biss, ħabib ta' qalbi,
għandi, din Alla tani,
dil-kelma li bi ġmielha
nitgħaxxaq qe'd tarani.

Ħares kemm hi sabiħa,
donnha bukkett ta' Mejju!
M'hix oħla minnha l-fwieħa
tal-ħabaq u tal-plejju;

mhux safi daqsha n-nida
li jaqa' fuq il-weraq:
għandha mid-dawl ta' qamar,
għandha mil-leħħ tal-beraq.

Issa, bħal waħda mbeżżgħa,
timxilek mejta, mejta,
issa toħroġ bil-ġirja
bħal ma għasfur minn bejta;

issa f'widnejk issamma'
għana ta' ħlewwa ġdida,
imbagħ'd tinfexxlek f'bikja
u tisma' bħal tnehida;

tisma' bħal mita 'l baħar
jibda max-xtut iniegħi,
bħal mita r-riħ fix-xitwa
ivenven qalb il-friegħi

* * *

## II.

## LILEK (*)

Noħlom : ma' ġenbi ċipress għoli f'għalqa
jissamma', siġar oħra l-hinn jissemmgħu,
jiskanta l-qamar fuq il-baħar ħiemed,
u inti tgħanni.

Nieżla mill-kwiekeb donnha l-għanja msaħħra,
minn għalqa għal oħra titfawwar u tgelgel,
tiżreġ bħal vleġeġ bojjod fl-art imdallma,
w-int tgħanni dejjem.

Ħolmi bħall-fjuri u int qiesek in-naħla;
f'moħħi għanjietek iżżiġġ u tinħeba...
u jien nissamma'... imbagħad nitlifha
fid-dawl ta' qamar.

Irħama bajda fil-għoli mibnija
leħnek, imbagħad bħal dmugħ fuq ward il-hena,
issa nar ħeġġa, issa bħas-silġ, imbagħad...
il-jum ibexbex.

Sac. A. P.

(*) Lill-Professur Cuschieri, li kiteb "Il-kelma maltija".

# GĦALL-FLUS TAGĦMEL KOLLOX

Dak inhar is-sur Pawl kien qam kmieni. Kien ilu mis-sitta jaħli għajnejh fuq qattgħa karti li kellu quddiemu fuq l-iskrivanija issa jaqra, u issa jħażżeż xi kelma. Kellu biċċa ftit imħabbla, imma bid-dehen ta' għoxrin sena' avukat, kien jittama li jġibha żewġ. Anqas ma ried jinżel għat-tè, u Wenza, il-qaddejja, kellha ttellagħhulu fuq.

Malli Wenza dehrilha li kien xorbu, telgħet ħabbtitlu, u malli qallha biex tidħol, fetħet u daħlet.

—Xrobtu, sinjur?

—Iva,—weġibha s-sur Pawl mingħajr ma refa' għajnejh,—iftaħli ftit il-purtelli tal-gallarija—Wenza riedet kieku tagħmel malajr dak li qallha, rat il-kikkra f'idha, rat li ma kienx hemm fejn tqegħidha, rat siġġu ħdejha, qegħditha fuqu, u marret tiftaħ. L-anqas laħqet waslet ħdejn il-bieb tal-gallarija, x'ħin iċċempel il-qampiena tal-bieb ta' barra. Is-sur Pawl malajr rafa' rasu u qallha: Stenna, tiftaħ xejn il-purtelli biex ma tagħmilx ħoss, ara mill-purtell tal-ġenb min hemm u ejja għidli.

Wenza ttawlet, u qaltlu li hemm raħli.

—Għidlu li għandi x'nagħmel,u ma nistgħax inkellmu, jekk irid lili; u, Wenz, (għax Wenza kienet ġà sejjra tgħidlu mill-gallarija), għidlu jiġi darb'oħra, fhimt—u baqa' jaqra.

Wenza reġgħet ittawlet, rat lil dak ir-raħli u staqsietu x'ried.

—Is-sur avukat hawn?

—Iva.

—Għidlu li rrid inkellmu.

—Issa ħin, għadhom is-sitta-u-nofs? Issa ma jistax; ejja darb'oħra.

Hawn dak ir-raħli telagħlu—U kemm se'r indum niġi darba oħra, ma nafx kemm-il-darba ġejt. Ara, jien ġibtlu l-qbiela w jekk ma jeħodhiex illum ma jieħu xejn,—u bi tferfira ta' idejh fisser dak li ma qalx.

L-avukat kien qed jisma' kollox. Għall-ewwel bħal għaraf il-leħen ta' dak ir-raġel, imma ma tkellem xejn; iżda meta sama' bi qbiela w mhux qbiela, malajr għaraf li dak kien ġie biex iħallsu, qam jiġri, mar jittawwal u—Gej, ġej—qallu fil-waqt li biċ-ċaqliq ta' rasu wera l-ħlewwa li ma setax juri bi kliemu, imħabba f'dak li kien iħoss ġo fih—iftaħlu—qal imbagħd lis-seftura. Din baqgħet tħares lejh, imma meta ratu sejjer għal l-iskrivanija, mingħajr ma qiesha xejn, marret tiftaħ.

Wara ftit Wenza fetħet il-bieb ta' l-offiċċju, u daħal raġel ftit imdaħħal fiż-żmien. Għalkemm wiċċu kien kollu imkem-

mex u samrani, u l-qorq kollu trab, ħwejjġu ma kenux ħażin żejjed, berritta, sidrija u qalziet ġodda u ħorġa mhux imgħarqa.

Malli rah, is-sur Pawl qam, tah joqgħod, u—kmieni l-lum, Wistin—qallu bi tbissima li l-anqas quddiem imħallef ma kien jagħmel hekk bil-ħlewwa.

Dak neħħa l-ħorġa minn fuq spalltu, qegħidha ħdejn is-siġġu, u kien sejjer iwieġeb xi ħaġa, imma l-avukat qatagħlu kliemu u qallu—Tajjeb hux; kif inhuma d-dar ?—

—Niżżi ħajr 'l Alla, sur avukat. kulħadd iġaħġaħ—wieġbu Wistin,—inti kif int, sur avukat ?

—Jien, jien bħall-avukati, Wistin dejjem inħabblu rasna mal-qorti; għandi kawża ħabtitli rasi mhux ftit.

—Mela għalhekk is-seftura qaltli li ma nistax narak...—

—Imma mhux lilek, Wistin, ma nistax nara,... x'ġiebek Wistin ? staqsieh daħkani ?

—Gibtlek il-qbiela sur avukat... iddawwart ftit, imma ma stajtx niġi qabel. Ġejt darbtejn il-ġimgħa l-oħra, imma dil-ġimgħa ma stajtx niġi qabel illum. L-ewwel darba s-seftura qaltli li kien iħossok ħażin, u d-darba l-oħra qaltli li kont il-qorti. Għalhekk ġejt kmieni illum, biex insibek hawn.

—U, iva—qabeż l-avukat, dejjem jitbissem, darb'oħra għid-ilha min int u kienet iddaħħlek, tibżax.

—Jien anqas ma ridt niskomodak, taf, sur avukat.

—U x'tiskomodani!, jien daqxejn ta' uġigħ ta' ras kelli. Insomma, Wistin—qallu jidħaq b'rasu mmejla, għax kellu seba' mitt sena biex jara l-flus f'idejh.

Wistin ta lis-sur Pawl dak li kellu jtih ; qalu kelmtejn oħra bejniethom u Wistin ħareġ il-barra.

Wenza kienet kollha mbaqbqa talli s-sur Pawl kien qatgħa-lha kliemha ftit bil-herra fil-gallarija. Malli ratu ħiereġ għall-qorti, sejħitlu, u—Isma', sinjur, qaltlu, darb'oħra, jekk ridt tkellmu, mhux tregħixni hekk ; għax int kont li għidtli biex ngħidlu jmur...

—U, iva,--qallha s-sur Pawl, b'leħen li ried ifisser li kienet ħaġa ta' xejn, —inti kemm ħadtha bi kbira, Wenz ?

—Mela ma neħodhiex, sinjur, inti ma tafx x'regħxa tajtni.

—Eh, Wenz, meta tagħmel għoxrin sena tħabbat wiċċek ma' l-imħallfin, titgħallem li meta jkollok il-flus f'idejk, ma tħalli-homx jaħarbu—u l-avukat ħareġ iċaqlaq rasu.

ED. COLEIRO

# INNU TAL-GĦAQDA

1. Inqumu, bħal aħwa b'qalb waħda
inqumu studenti Maltin;
fil-ġlieda għal Isienna w għal Artna
nissieħbu mal Għaqda ħenjin.

2. L-ilsien li bħal wirt tawna niesna
ġe' qalbna bil-għożża nżommuh;
lill-għadu li jkasbru w imaqdru
bil-kelma, bil-kitba nxejnuh.

Bla ħeda nitħabtu
u nishru flimkien;
inwasslu leħenna
sa l-ibgħad widien.

Nintrabtu b'saħħitna
mal-Għaqda setgħana:
w ilsien għandna tagħna
il-koll nistqarruh.

3. Mhux ħuna min jasal biex jiċħad
l-ilsien illi niesna ħallew
l-ilsien il-barrani jrid jara
f'din l-Art illi b'demmhom saqqew.

4. Le nibżgħu mill-kobor tal-għadu
għax l-*għaqda* ssaħħaħna fil-hemm;
bil-qawwa ta' qalbna żagħżugħa
għal Isienna nitqabdu sad-demm.

*(jarġa)* Bla ħeda nitħabtu
u nishru flimkien;
inwasslu leħenna
sa l-ibgħad widien.

Nintrabtu b'saħħitna
ma l-Għaqda setgħana:
w ilsien għandna tagħna
il-koll nistqarruh.

11/XI/32 KARM. VELLA

# X'KITBULNA

Lill-Monsinjur Dun Karm Psaila

Għażiż Dun Karm,

Malli qrajt is-sunett tiegħek fuq Dun Mikiel Xerri f'*Leħen il-Malti* (Nru. 24 faċċ. 3), ħassejt x'iġegħilni niktiblek. Għalfejn? L-ewwelnett biex nifraħilek tal-qawwa li biha għaraft issawwar dawn il-vrus tiegħek, qawwa li donnha ħierġa minn qalb Dun Mikiel ieħor. Ħennejtni w għaxxaqtni. Jekk wara dawk l-erbatax-il-vers baqa' wieħed biss f'Malta li għandu l-wiċċ imaqdar iżjed il-Lsien Malti, ingħid li aħna tassew inqlibna. Imma jaħasra tabilħaqq, minn fejn ġejja din il-marda kiefra li jridu jċekknu dak li hu tagħhom? Emminni, ma niflaħx iżjed għal dan. Meta nisma' bit-taħtit ta' lsienna, nħoss bħal sejf dieħel f'qalbi, fil-kewna (1) ta' ruħi. Għalija l-lsien malti huwa l-mirfed ta' ħajti. Mingħajru nħossni ħajj mejjet. Pħu għalihom, kemm huma ġiefja ma' ommhom dawk li jmaqdru 'l lsienhom! Imma ħallina minn dan. Agħdirni jekk ħriġt barra mit-triq.

It-tieni nizzikħajr, u fl-istess waqt nizzikħajr lis-Sema, talġid li sa tagħmel b'dan is-sunett tiegħek. Smajt li xi wħud miż-żgħażagħ ta' Ħaż-Żebbuġ qegħdin iqumu fuq tagħhom. Iridu jaraw kif jagħmlu biex ipattu għan-nuqqas tal-imweldin qabilhom. Il-ħsieb tagħhom huwa li jitwaqqaf mafkar (2) f'nofs il-misraħ tar-raħal għall-kbir pajżan tagħhom. X'ħaġa sabiħa tkun jekk jinħadem minn żebbuġi ieħor li qiegħed jagħmel ġieħ lil pajjiżu fost il-ġnus ta' barra! Ah! j'Alla din il-ħeġġa ma tonqosx u tintefa fix-xejn! Hemm ukoll min irid li għalanqas, għalissa, titwaħħal irħama fil-madħal tal-Każin San Filep bis-sunett tiegħek, minqux fuqha. Meta l-mafkar, li qegħdin isemmu, ikun imwaqqaf, inbagħad iwaħħlu rħama oħra b'sunett ieħor li jittamaw inti tikteb għal dik il-ħabta. Sewwa wisq. Mela fl-aħħar qegħdin iqumu. Aħjar imwaħħar inkella qatt.

Wara kollox ħallini nagħfaslek idek, fil-waqt li nixtieqlek għomor twil, daqs dak ta' Abraham, għas-sebħ ta' art twelidna u għall-ġieħ tal-imsejken ilsienna, li jiena nħobbu w ingħożżu fuq ħajti nfisha.

Il-qaddej tiegħek

Silvju

(1) *Kewna* ġejja mill-verb *kien*, tfisser l-*essri* ta' xi ħaġa.

(2) *Mafkar* mill-verb *fakkar*, tfisser *monument*, *ħaġa li tfakkar*.

# IL-POEŻIJA TA' NINU CREMONA(1)

Is-sena l-oħra s-sur Nîn Cremona ġabar il-poeżijiet tiegħu, li kienu mxerrdin l'hawn u l'hinn fil-ġurnali, fi ktieb imdaqqas, stampat ċar ħafna, karta mill-aħjar, u sabiħ sa mill-qoxra li fiha ġġib ix-xbieha tal-Poeżija tielgħa minn Malta xxerred il-għanjiet tagħha qishom weraq mar-riħ.

Is-Sur Nîn Cremona, tradutttur tal-Malti fl-istamperija tal-Gvern, hu magħruf fostna aktarx bħala studjus tal-filoloġija maltija, milli kittieb tal-poeżija, madankollu mill-għanjiet li kiteb, għalkemm huma ftit, dlonk nintebħu li fil-poeżija, f'dak li hu tiswir tal-ħsieb imfisser b' armonija ta' sbuħija, hu ma jibqax lura. Għedt li kiteb ftit poeżijiet; u tassew, għax din il-ġabra, li tirrapresenta l-għanja tar-ruħ tiegħu minn l-aħħar xahar tas-sena 1912, sa Marzu tas-sena 1932, ma tħaddanx iżjed minn 29 poeżija. Xi kawża jrid ikun hemm. Forsi N. Cremona naqsitu l-ħeġġa ta' l-ispirazzjoni, jew sfalu fix-xejn it-tifwir tal-ħsieb marbut mat-tqanqil tal-qalb? Għalkemm l-ispirazzjoni (xgħil-il-għana tiegħu), mhix minn l-akbar fil-qawwa, imma naħseb li mhux din hi l-kawża ewlenija. Ta' dan jatina tifsira l-istess awtur fid-daħla tal-ktieb, fejn hu jgħid erba' kelmiet sbieħ tassew, biċċa proża mexxejja, għanja u safja daqs id-deheb bla taħlit lill-"Ħbieb Il-Għannejja Maltin." "Dawn il-għanjiet," igħid l-awtur huma mifrudin għal biċċa żmien sewwa minn tħawtil ieħor li għalkemm kellu x'jaqsam mal-lsien malti—ma' ġmielu u ma' sengħetu—kienet biċċa xogħol li rażżnitli l-ħeġġa tal-ħsieb u xejħitli qalbi qabel il-waqt. Iżda għalkemm dan l-aħħar irsaqt iktar lejn ħaġa milli lejn oħra, qatt ma stajt ninsa dak li Vassalli stess kien stqarr 'illi l-Poeżija hija dik li tgħin mhux ftit għat-tagħlim u tirqim tal-lsien malti,' u għalhekk, koroh jew sbieħ, qawwija jew midbiela, huma kif inhuma, deherli li wasal iż-żmien li niġborhom, mhux biex ħaddieħor inissel minnhom, iżda biex jibqgħu bħala waħda mit-tifkiriet ċkejkna ta' dak il-weraq li bihom il-lum qiegħed jindafar ġmielu il-klil tal-għana malti fost dawk li jgħożżu lsienhom". Rajna mela x'kienet il-kawża li l-poeta tagħna rnexxielu f'daqshekk żmien jikteb daqshekk ftit, u x'kien il-ħsieb tiegħu li ġabarhom fi ktieb, bħala tifkira tal-ħidma tiegħu letterarja għall-ġieħ ta' lsienu: ħsieb li jistħoqqlu elf tifħir u li jmissu jħajjar jagħmlu bħalu xi kittieba Maltin l-aktar magħrufa, li ma nafx mita se'r jiġbru xogħolhom fi ktieb, biex il-letteratura maltija tistagħna iżjed. Fost dawn il-kittieba għandi f'rasi lill-Dun Karm u lill-Professur Sir T. Zammit, li fil-kitba tiegħu jġib

(1) Weraq Mar-Riħ: Għanjiet, stampat fl-*Empire Press*, u jinsab għall-bejgħ għand F. Sciortino, Sda. Mercanti—Il-Belt. 9 soldi

l-ewwel ittri ta' ismu (T.Z.) biss. Għax sew il-wieħed kemm l-ieħor taw xogħlijiet letterarji, f'żewġ xejriet diversi, li bihom jista' jiftaħar l-ilsien malti. Dnub ikun jekk iħallu xogħolhom imxerred; u huma aktar minni jifhmu xi rrid ingħid. 'Ma nerġgħu għalfejn konna. Jekk N. Cremona għandux raġun jew le jaħsibha bħal Vassalli fuq li l-poeżija tgħin it-tagħlim wit-tirqim ta' lsienna, ma hemmx għalfejn nitħaddet, għax ma nafx min ma jaqbelx. Dak li nixtieq nuri hu jekk il-għanjiet tiegħu humiex tabilħaqq koroh inkella sbieħ; jekk humiex għanjiet tajbin għal fuq il-kitarra biss, inkella għanjiet li fihom ħadmet l-îd tas-sengħa wil-qalb tal-poeta f'armonija ta' tiżwiq. Għalhekk, fi ftit kliem, ser nagħmel daqxejn ta' xogħol żgħir ta' tgħarbil dwar il-poeżijiet tiegħu, xogħol li bħalu għamiltu darb'oħra mal-poeżijiet tal-Kavalier G. Muscat Azzoppardi u ta' Dun Karm. Xogħlijiet bħal dawn, mingħalija, ma jistgħux ikunu mitlufa għax (imqar mita ma nkunux eżatti fil-fehmiet li xmindaqqiet infisser dwar is-siwi jew nuqqas tagħhom) hekk jew hekk huma jdarru l-qalb taħtar is-sabiħ, tifred it-tajjeb mill-ħażin billi tnaqqi l-qamħa mill-karfa li tista' tkun q'ed taħbiha. F'dik li hi arti letterarja l-kritka għandha tikxef is-sbuħija taħt kull għamla, sakemm din is-sbuħija mdawla mill-qalb, min-nar ġewwieni ta' kittieb li jaf jiżen is-siwi tal-kelma mqegħda tajjeb, wis-seħer tal-ħsieb sħiħ u qawwi, li fir-refgħat tiegħu bosta drabi jixbaħ lill-għasafar għanneija mitlufa ma' triqat is-sema.

Kif Ninu Cremona beda jikteb bil-Malti għal-ewwel darba, nafu minnu stess bil-miktub.

Mqabbad mal-Gvern bħala spettur sanitarju, fl-elf disagħ mija u tnax xħin kien q'ed għal xogħlu fir-raħal qadim ta' Ħal-Tarxien, iltaqa' max-xwejjaħ poeta u rumanzier malti G. Muscat-Azzopardi. Dana mbilli kien għaddej f'karrozzin, waqqaf apposta biex iħajjar lil N. Cremona jiktiblu xi ħaġa għall-"Ħabib", ġurnal bil-malti li dan Muscat-Azzopardi kien il-mexxej tiegħu. Cremona, li xejn ma kien joħlomha din li għandu jikteb bil-malti, fisser lix-xwejjaħ rumanzier kif hu mhux la kemm kien ser jikteb bil-malti, mbilli kien għadu sajjem għal-kollox mir-regoli ta' l-ortografija maltija. Muscat-Azzopardi, imma, għamillu l-qalb u, biex iħajru iżjed, qallu li Monsinjur Dun Karm Psaila u l-professur Anastasi Cuschieri, li kienu fl-istess ilma tiegħu, diġa kienu bdew jiktbu xi ħaġa bil-malti b'ortografija xierqa. U minn hawn twieldet l-ewwel għanja ta' Ninu Cremona *Wara l-Bjut*, li, għalkemm il-ħsieb tagħha, sew bħal dik ta' urajha *"Dell-il-Warrani*, hu aktarx imdaħħan u mċajpar, ma' dan kollu, min jagħraf jifliha bis-sabar, għandu jsib fiha ħafna kwadri sbieħ tassew; għandu jsib lwien ta' fantasija għammiela, imxierka mal-lanja raqqada ta' kliem

l-imrar. Għidt li *Wara l-Bjut* hi l-ewwel poeżija ta' N. Cremona, stajt għidt li hi t-tieni waħda, għax' qabilha kien ħażżeż tqabbila b'isem li ma jispiċċa qatt, u miżgħuda b'tifħir impaħpaħ li jġagħlek tkemmex xuftejk. It-tqabbila hi mgħammda hekk: ***Tifħir lil wieħed tifel li kien jagħmilha ta' mara fuq il-palk f'teatrin tas-Sliema fis-sajf tal-1907.*** Imma mbilli, sew għal dak li hu xgħil-il-ħsieb (ispirazzjoni) kemm għal-dak li hu ħeġġa tal-Malti din it-taqbila nieqsa ħafna Ninu Cremona għamel sewwa ħallieha barra mill-ġabra. Kien għaqli biż-żejjed jagħraf il-ħażin tiegħu; ħaġa li mhix ħafifa daqs kemm tidher, imbilli dak li hu xogħolna, ikrah jew sabiħ, mhux la kemm tatina qalbna niċħduh għal kollox. Bħalu jiena lil din it-tqabbila maħsusa inħalliha minn barra, biex nibda t-tgħarbila bl ewwel poeżija li hu kiteb bi ħjiel ta' sengħa: *Wara l-Bjut*. Nibda biex ingħid li *Wara l-Bjut* hu l-isem ta' waħda mill-eqdem ħâriet ta' Ħal-Tarxien, u l-kelma "Bjut", hawnhekk, tfisser "djar" mill-Għarbi *al-bajt "id-dar"*. Għalhekk "Wara l-Bjut" għandha tiftiehem "Wara d-djar". Għidt moqbejl x'inhu, fuq fuq is-siwi win-nuqqasijiet ta' din il-għanja. Għidt li hi ħjielija kemm tista' tkun din il-poeżija. Issa nżid ingħid li f'din il-poeżija N. Cremona fassal il-għanja tal-imrar imqajma minn kwadri u xeni diversi, li l-Għannej jara ma' dwaru fil-ħâra ta' Ħal-Tarxien. Dan hu ħsiebu l-ewlieni: fuq kull ħidma tal-bniedem jaħkem il-Għawġ, l-Imrar wil-Mewt: it-Tama għandha ħajja qasira. Tisimgħu l-għajjat tan-nagħaġ jitħallat mad-daqqiet tan-newl u mat-theżżiż tad-deffuna; waqt li xi xwejħa, bejn ħajja u mejta, iżżid timla bid-dieqa din il-lehġa tal-mewt rapsodija mfarka mill-uġigħ tal-ħajja. U minn din ix-xena ta' ksir il-qalb il-poeta jiġbed ħafna riflessjonijiet fuq il-bniedem...hu iqis ruħu li hu l-għannej, lehġieni, ta' Wara l-Bjut, li waħdieni jitbekka għal imħabba mitlufa. Il-għanja tiegħu tilbes laħamha u demmha minn l-ewwel biki li darba sema' fin-nieqa ta' tarbija, u b'dan l-ewwel kwadru tal-Ħajja jibda għanjietu :

Jien smajtha fin-nieqa ta' waħda tarbija,
għożżejtha bħal għanja dik l-ewwel tislima,
mill-qalb kienet ħarġet, fuq l-għajn kienet dehret
bid-demgħa tal-biki dik l-ewwel tislima

U l-Għannej ta' wara l-bjut (personifikazzjoni ta' l-istess poeta) iżid igħidilna kif ħajtu kienet minn dejjem imtertqa bin-niket qalb il-kotra ġiefja ta' nies bla qalb:

Għaddejt minn ġol-kotra tan-nies ta' did-dinja,
ħassejt dik id-dieqa ta' qalb ġo mnifsejja,
xeħtuni f'saqajhom: qaluli: mur bati.
Ħarist lejja n-nifsi bil-qtigħ ta' mnifsejja

Il-mewt u xejn ħlief il-Mewt, skond il-poeta tagħna, ma jista' iserraħ il-għajja tal-bniedem :

"Ja qabar, ja nieqa, ja ktieb ta' dil-Ħajja
int biss isserraħna—Miktub iġġib inti:
"Fil-Ħaqq ta' kruħiti kull xewqa ġiet torqod
għal dejjem f'dis-sodda. Miktub iġġib inti"

*(Jissokta)* ĠUŻÊ AQUILINA

# KTIB U TWEGIB TA' ITTRI

Fl-aħħar ħarġa ta' dan il-qari semmejna l-ittri li bgħatna lill-Ministru tat-Tagħlim u t-tweġib tagħhom. Biex inkunu għidna kollox inżidu issa l-ittri li ktibna lir-Rettur tal-Università u t-tweġib li tâna.

Wara l-aħħar ittra li bgħatna lill-Ministru tat-Tagħlim fl-4 ta' Novembru 1932 (ara *Leħen il-Malti*, Nru. 24, faċċ. 8), ir-Rettur tal-Università nhar l-10 ta' Novembru kiteb lill-Għaqda u qal li, billi l-Għaqda ħadet xejra polîtka (*has lately taken a decided political bias*), hu ma jibqâx iżjed President onorarju tagħha u ma jridx li jsiru iżjed laqgħat tal-Malti ġo l-Università.

Għal din l-ittra l-Kumitat minnu fih wieġeb b'ittra oħra li bagħat lir-Rettur fis-16 ta' Novembru 1932 u fiha qal: l-Għaqda hi mwaqqfa biex tmexxi l-quddiem il-kitba tal-Malti *biss*; fil-ħedma tagħhā kollha żammet dejjem sħiħ ma' dil-fehma, u qatt ma ndaħlet fil-partiti tal-politka. L-Għaqda mhix responsabbli ta' dak li jiktbu fil-gazzetti sewwa favur tagħha, sewwa kontra tagħha; qatt ma nqdiet bil-gazzetti biex turi l-fehmiet tagħha ħlief darba biss, għax ma setgħetx tagħmel ieħor, meta riedet tgħarraf l-ittra tal-4 ta' Novembru, u dik l-ittra kienet mibgħuta lill-gazzetti kollha u mhux lil x'uħud minnhom biss. Anqas mhi responsabbli l-Għaqda ta' kull ma jingħad fuqha jew fuq it-tagħlim tal-Malti fil-Parlament jew barra mill-Parlament minn nies imdaħħlin fil-politka, għax il-Malti hu ta' kullħadd u għalhekk kullħadd għandu l-jedd jitkellem u juri l-fehma tiegħu. F'*Leħen il-Malti* li joħroġ kull xahar mill-Għaqda qatt ma nkitbet kelma waħda biss li tista' tħasseb ħażin, u għalhekk anqas dawk li ma jaqblux mal-fehmiet tagħna u li kitbu u tkellmu kontra tagħna qatt ma qalu li aħna mmejlin fil-politka. Għal dawn ir-raġunijiet l-Għaqda tħoss li mhi ħatja tal-ebda nuqqas u titlob lir-Rettur tifsira ta' dawk il-kelmiet: *a decided political bias.* L-Għaqda tittama li dil-biċċa tissewwa, iżda jekk tibqa' ma tissewwiex hi tagħmel kollox biex turi lill-imseħbin kollha u lill-poplu li hi qatt u qatt ma naqset mir-regulamenti mgħoddijin mir-Rettur.

Din l-ittra baqgħet bla tweġiba u għalhekk il-laqgħat tal-Għaqda bdew isiru barra mill Università.

*(Tissokta)*